MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 237/2013

**Conrad Borg Manche` (K.I. nru. 510780 M)**

**vs**

**Martin Else (Passaport Ingliz nru 707509785)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 ta’ Marzu, 2013, li permezz tieghu, ir-rikorrenti fuq indikat sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi biex l-intimat seta` johloq u jqassam gazzetta lill-pubbliku f’Malta f’Mejju tal-2010 hu talab lir-rikorrenti jipprestalu servizz ta’ kontabilita`;

1.2. Illi r-rikorrenti accetta dan l-inkarigu u konsegwentement fassal pjan ghal tali negozju u hejja l-proceduri mehtiega biex dan ikun jista` jitmexxa;

1.3. Illi s-servizz professjonali rezi mir-rikorrenti ammontaw ghal tlett elef, mija u hamsin Ewro (€3,150.00);

1.4. Illi sussegwentement l-intimat talab lir-rikorrenti biex iselfu xi flus *brevi manu* biex ikun jista` jsostni n-negozju in dizamina u assigurah li kien ser jirrifondieh;

1.5. Illi a bazi tal-istess assikurazzjoni r-rikorrenti sellef lill-intimat is-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf, mija u zewg Ewro u disgha u tletin centezmu, (€23,102.39);

1.6. Illi fl-31 ta’ Dicembru, 2010, l-intimat irregistra socjeta` bl-isem ta *“Malta News Limited”* li f’isimha kellu jmexxi n-negozju *de quo*;

1.7. Illi konsegwentement l-intimat ittrasferixxa favur ir-rikorrenti sehem ta’ hmistax fil-mija, (15%), tal-istess socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti bhala rimbors *in parte* ghall-flus lilhu minnhu prestati;

1.8. Illi ftit zmien wara l-intimat informa lir-rikorrenti li n-negozju *de quo* ma kien qed jiggenera l-ebda qliegh u li allura kien waqqaf l-operat tal-istess socjeta`;

1.9. Illi effett ta’ tali waqfien, l-ishma li l-intimat kien ghadda lir-rikorrenti gew rezi minghajr valur;

1.10. Illi fil-frattemp u ad insaputa tar-rikorrenti, l-intimat waqqaf socjeta` kummercjali ohra *“Malta Now Limited”* b’operat identiku ghal dik precedenti, (ara paragrafu numru wiehed

punt sitta, (1.6.), aktar qabel), liema socjeta` ghada attiva sallum;

1.11. Illi meta l-intimat rega gie rinfaccat bl-obligi tieghu fil-konfront tar-rikorrenti, l-istess intimat assikurah li la din it-tieni socjeta` tibda taghmel qliegh, kien ser jirrimborsah is-somma kollha minnu lilu dovuta, inkluz ghas-servizzi prestati lilu mir-rikorrenti fuq indikati, (ara paragrafi wiehed punt tlieta, (1.3.), u wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel);

1.12. Illi komplessivament ghalhekk ir-rikorrenti hu dovut l-ammont ta’ sitta u ghoxrin elf, mitejn u tnejn u hamsin Ewro u disgha u tletin centezmu, (€26,252.39);

1.13. Illi nonostante li interpellat biex ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, l-intimat baqa` inadempjenti;

1.14. Illi *di piu*`, l-imsemmi ammont hu cert, likwidu u dovut u konsegwentement, stante li l-intimat m’ghandu l-ebda eccezzjonijiet x’jipprezenta, il-procedura odjerna ghandha tigi deciza *ai termini* tal-artiklu 167 *et seguitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1.15. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.15.1. Tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-imsemmi Kap 12;

1.15.2. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta’ sitta u ghoxrin elf, mitejn u tnejn u hamsin Ewro, u disgha u tletin centezmu, (€26,252.39), kif fuq gia` debitament indikat komprendenti kemm is-self *brevi manu* kemm, is-servizzi rezi;

1.15.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dovuti skont il-ligi kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat in-nota tal-intimat datata t-13 ta' Gunju, 2013, li permezz taghha informa lill-qorti li ghandu provi biex juri li l-procedura odjerna m'ghandiex tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh kif mitlub, (ara foll 49);

3. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet limitatament ghat-talbiet rigwardanti l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq indikat, awtorizzat lill-intimat jipprezenta r-risposta guramentata tieghu fit-terminu hemm indikat, (ara foll 49 A);

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-22 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha, ghal dak li hu rilevanti ghall-vertenza odjerna, l-intimat irrisponda sintetikament bil-mod segwenti:

4.1. Illi l-intimat avvicina lir-rikorrenti biex dan ta' l-ahhar jippresta servizzi professjonali biex l-intimat ikun jista` johloq negozju konsistenti fit-twaqqif ta' gazzetta u fid-distribuzzjoni bieb bieb tal-istess ma' Malta kollha;

4.2. Illi r-rikorrenti effettivament fassal pjan shieh ta' negozju u ried jinvesti fl-istess progett, (ara foll 58, 59 u 61);

4.3. Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet regolarizzata b'tali mod li n-negozju prospettat seta` javverixxi ruhhu;

4.4. Illi sakemm kienet iffurmata s-socjeta` kummercjali ta' bejniethom, ir-rikorrenti kien jadopera ruhhu b'diligenza;

4.5. Illi sussegwentement, wara li twaqqfet din is-socjeta`, ir-rikorrenti biddel l-operat tieghu u ma' baqax jaghmel xogholu bl-istess reqqa;

4.6. Illi eventwalment kellu jitqabbad haddiehor biex jaghlaq il-kotba tas-socjeta` *de quo*, (ara foll 97 sa 99 u 100 sa 102);

4.7. Illi ir-rizultat tal-inadempjenzi tar-rikorrenti, l-intimat ma' kienx jaf x'kien l-istat finanzjarju tan-negozju in dizamina u kien ghalhekk kostrett iqabbad konsulenti ohra ghal dan l-iskop;

4.8. Illi hu pacifiku li l-intimat waqqaf socjeta` bl-isem *"Malta Now Limited"*;

4.9. Illi r-rikorrenti kien effettivament is-segretarju tas-socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 128 u 133);

4.10. Illi jirribatti li mhux minnu li intrabat ihallas lir-rikorrenti l-investiment li dan kien effettwa fl-istess socjeta`;

4.11. Illi dan l-ammont kien biss ammont investit mir-rikorrenti u mhux self kif allegat;

4.12. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti m'hu dovut l-ebda ammont u ghalhekk, it-talbiet tieghu ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

5. Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu wara li ikkonstatat l-assenza ingustifikata ta' l-intimat u tal-abbli rapprezentant legali tieghu, iddeterminat li tqis li dan hu akwivalenti ghall-dikjarazzjoni li l-intimat m'ghandux provi aktar x'jipproduci, u dan b'referenza ghall-verbal datat l-20 ta' Marzu, 2014, fejn l-udjenza in dizamina kienet rizervata ghall-provi tal-intimat;

6. Ezaminat id-dokumenti u id-dikjarazzjonijiet guramentati ipprezentati;

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti prodotti in atti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi r-rikorrenti sellef l-ammont fuq gia` riferit biex l-intimat ikun jista` jeffettwa n-negozju li hu xtaq li jibda jmexxi f'Malta li jqassam gazzetta b'xejn bieb bieb ma' Malta kollha;

9.2. Illi s-self tar-rikorrenti kien gie rez essenzjali ghall-intimat wara li l-bank Spanjol li l-intimat kien jahdem bih irrifjuta li jkun ivolut f'aktar transazzjonijiet ma' l-intimat qabel ma dan ihallas self precedenti li kien effetwa ma l-istess bank, (ara foll 287);

9.3. Illi s-self *brevi manu* rikjamat mir-rikorrenti jirrizulta debitament effetwat mid-dokumenti esebiti immarkati Dok 'CBX2", (ara foll 295);

9.4. Illi l-idea li r-rikorrenti jsir azzjonist fis-socjeta` tal-intimat kienet intiza biex l-intimat ma jkollu l-ebda obbligazzjoni personali versu r-rikorrenti;

9.5. Illi meta r-rikorrenti sellef il-flus in dizamina lill-intimat, qatt ma kellu x-xewqa li jsir azzjonist fis-socjeta` tal-intimat (ara paragrafu wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel;

9.6. Illi r-rikorrenti hu wkoll dovut l-ammont ulterjuri fuq ukoll indikat ghall-servizzi professjonali rigwardanti kontabilita` li hu effetwa lill-istess intimat, (ara paragrafu wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel;

9.7. Illi r-rikorrenti qatt m'abbanduna is-socjeta` in dizamina kif allegat mill-intimat, u kien baqa` jikkompila l-affarijiet *ai fini* tal-obbligi tal-istess mad-Dipartiment tat-Taxxa tal-valur Mizjud, (ara foll 296);

9.8. Illi bl-agir tal-intimat, ir-rikorrenti hassu li kien gie defrawdat minnhu stante li kull ma hallielu kienu " ... ishma f'kumpanija mimlija dejn ...", (ara foll 284);

9.9. Illi nonostante l-weghdi ta’ pagament tal-ammonti dovuti lir-rikorrenti, l-intimat qatt ma zamm kelmtu fir-rigward, (ara foll 285);

Ikkunsidrat:

10. Illi tenut kont tal-fatt li l-intimat ghazel li ma jipprezentax ruhhu ghall-kontradittorju tal-fatti kif fuq sintetikament elenkati u dan, minghajr ma’ ressaq l-ebda raguni valida fil-ligi, din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li tqis is-suespost bhala debitament ippruvat skont il-ligi;

**DECIDE:**

11.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess filwaqt li din il-qorti takkolji t-talbiet tar-rikorrenti tirrispingi r-risposta tal-intimat u konsegwentement:

11.1. Tikkundanna lill-intimat Martin Else biex ihallas lir-rikorrenti Conrad Borg Manche` is-somma komplessiva ta’ sitta u ghoxrin elf, mitejn u tnejn u hamsin Ewro, u disgha u tletin centezmu, (€26,252.39), konsistenti:

11.1.1. Fl-ammont ta’ tlieta u ghoxrin elf, mija u zewg Ewro u disgha u tletin centezmu, (€23,102.39),

rapprezentanti self *brevi manu* mir-rikorrenti lill-intimat;

11.1.2. Fl-ammont ta’ tlett elef mija u hamsin Ewro, (€3,150.00), rapprezentanti servizzi professjonali ipprestati mir-rikorrenti lill-intimat, oltre spejjez ohra;

11.2. Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet dovuti fuq l-istess ammont komplessiv indikat fil-paragrafi precedenti, bl-imghaxijiet ikunu ikkalkolati mill-20 ta’ Lulju, 2012, kif mitlub fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess intimat fuq gia` riferit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------